MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 120/2009

**A C**
**vs**
**B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-19 ta’ Novembru 2003; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [h], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed titlob li z-zwieg jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut iddikjara li huwa jaqbel li z-zwieg huwa null, izda ghal tortijiet imputabbli unikament lill-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-19 ta' Novembru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-kontestazzjoni tal-konvenut hija limitata biss ghall-kwistjoni tar-responsabbilita'.
**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-19 ta' Novembru 2003, meta allura l-attrici, cittadina Maltija, kellha 34 sena u kien diga' kellha tifel minn relazzjoni ohra, filwaqt li l-konvenut, cittadin Sirjan, kellu 26 sena; u wara li l-partijiet kienu ilhom jafu u jiffrekwentaw lil xulxin circa sitt xhur.

Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt xhur, il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tispjega li meta ltaqghet mal-konvenut, hi diga' kellha tifel minn relazzjoni precedenti, u kienet ilha snin tghix waheda, ghalhekk kienet disposta tajjeb lejn l-avvanzi tal-konvenut; tant, li wara sitt xhur li kienu ilhom johorgu flimkien, hu staqsiha biex jizzewgu, u hi accettat mill-ewwel.

Illi f' dak iz-zmien il-konvenut kien qieghed Malta b' visa qasira, u li kienet ser tiskadi, u ghalhekk iz-zwieg sar malajr.

Illi l-problemi matrimonjali bdew mill-bidu nett taz-zwieg, minhabba l-karattru dominanti ta' zewgha, li ried

jikkontrolla mhux biss lilha izda anke t-tifel taghha li fuqu ma' kellu ebda dritt. Tghid, li l-konvenut jezigi li hi tobdih f' kollox u taghmel biss kull ma jghid hu, kemm ghal dak li hu religjoni, kif ukoll dwar affarijiet ohra ta' kuljum bhal x' tip ta' ikel jieklu, u anke l-ilbies li tilbes. Izda l-attrici ma setghatx taccetta li l-konvenut jkollu pussess fuq it-tifel taghha.

Rizultat ta' dan, il-glied kien kontinwu, u eventwalment l-attrici kecciet lill-konvenut mid-dar. Dan telaq bil-kwiet, u l-partijiet zammu kuntatt ma' xuxlin.

L-attrici tispjega li hi ma kinitx riedet tfal minn dan iz-zwieg, tant li l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzjoni dobbja biex ma jitwieldux tfal; filwaqt li hi kienet tiehu l-pillola kontracettiva, il-konvenut kien juza l-condoms. Hija tispjega li din id-decizjoni kienet haditha qabel ma zzewget, kemm ghax hi diga' kellha tifel, kif ukoll ghax "ma rridx nigi fi problemi mbaghad li jftettilu [il-konvenut] johoduli t-tifel jew tifla li jkun."[1] Tghid ukoll li wara z-zwieg irrealizzat li "Jien kont indunajt li Fahad kulma ried kien li jghix Malta u mhux li jqatta' hajtu mieghi."[2]

*Verzjoni Konvenut*

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jghati verzjoni konkordi mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici. Huwa jikkonferma li l-problemi matrimonjali bdew mill-bidunett, ghax "jien bdejt nippretendi li hi tqisni bhala zewgha, u b' dan nifhem li hija ghandha tobdi l-kelma tieghi, u taghti kaz li nghidilha, u mhux minn wahda jidhol u minn ohra johrog."[3] Jghid li hi meta jghidilha xi haga, hi kienet twebbes rasha aktar biex taghmel dak li trid hi. Jghid ukoll li u kien jipprova "nikkontrolla ftit l-imgieba tat-tifel"; izda dan kien jirrizulta f' hafna nkwiet.

Jghid li "kont naf mill-bidu nett li z-zwieg taghna ma kienx ghal dejjem, u dan ghaliex jiena ma kellhix skop li nqatta hajti kollha Malta u meta jien ghidt dan kollu lil A hija mill-ewwel qaltli li hija minn hawn [Malta] ma kinitx ser

[1] Fol.17
[2] Fol.20
[3] Fol.30

ticcaqlaq qatt.  Infatti mill-ewwel konna noqghodu attenti hafna biex ma jkollniex tfal flimkien, u dan ridnih kemm jien kif ukoll hi.”[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti l-Qorti hija tal-fehema li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma eskludew b’ att pozittiv tal-volonta’ taghhom wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali, senjatament dik tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied fiz-zwieg.

Inoltre l-provi juri li dan iz-zwieg kien *non starter* stante li jidher car li l-partijiet, minhabba l-forma mentis taghhom differenti dwar iz-zwieg, kienu nkapaci li joholqu bejniethom dik l-komunita ta’ hajja u mhabba, bazata fuq konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu fuq citat, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-19 ta’ Novembru 2003.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Fol.30